



Brussell, 29 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14888/18

Fajl Interistituzzjonal:
2018/0399(NLE)

SCH-EVAL 234
VISA 314
COMIX 660

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill

Nru. dok. preċ.: 14887/18

Suġġett: Abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkmandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2018 tal-**Latvja** dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-**politika komuni** dwar il-viżi

- Wara l-adozzjoni mill-Kunsill tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, grupp ta' esperti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni wettqu evalwazzjoni tal-Latvja dwar l-applikazzjoni fl-2018 tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi.
- F'konformità ma' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkmandazzjoni mfassla biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati matul dik l-evalwazzjoni u biex tiżgura li l-Latvja tapplika b'mod korrett u effettiv ir-regoli kollha ta' Schengen relatati mal-politika komuni dwar il-viżi.

3. Fit-28 ta' Novembru 2018, il-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen (Evalwazzjoni), inkluż is-sħab tal-Kumitat Imħallat in-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein, approvaw il-proposta għad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill, kif jinsab fid-dokument 14887/18, bħala punt 'A' f'waħda mil-laqgħat li jmiss.
